# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Numru 4**

**Rikors Numru 28/13 JZM**

**Margaret Galea, Saviour Galea, Paul Galea.**
**Rose Galea, Carmel Galea, Paul Musu, Wilfred Musu,**
**Louise Bugeja u Isabelle Galea**

**v.**

**L-Awtorita` tad-Djar u Teresa armla Briffa u**
**L-Avukat Generali**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrenti, minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha, fis-16 ta' April 2015, li permezz taghha dik il-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju; konsegwentement astjeniet milli

tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimat Avukat Generali; astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u tar-raba' talbiet tar-rikorrenti stante li dawn kienu irtirati fil-mori tal-kawza; laqghet l-eccezzjonijiet tal-intimata Awtorita` tad-Djar; cahdet l-ewwel u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, u ordnat lir-rikorrenti ihallsu l-ispejjez kollha tal-kawza.

<u>Mertu</u>

2. F'dawn il-proceduri, ir-rikorrenti jilmentaw illi huma garrbu privazzjoni kontinwata tal-fond 18, Old Mint Street, Valletta b'lezjoni ghall-jeddijiet fondamentali taghhom kif imharsa bl-Art. 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Art. 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni, bhala konsegwenza tar-rekwizizzjoni tal-imsemmi fond fit-8 ta' April 1974, liema rekwizizzjoni tnehhiet fit-12 ta' Marzu 2012, kif ukoll bhala konsegwenza tal-fatt li, wara li tnehhiet ir-rekwizizzjoni, huma baqghu ma nghatawx lura l-fond mill-intimata; kif ukoll bhala konsegwenza tal-fatt illi wara li ghalaq ic-cens fid-19 ta' Novembru 1979, din l-intimata baqghet tiddetjeni l-fond bis-sahha tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu kumpens ghal tali privazzjoni mit-tgawdija pacifika tal-fond taghhom.

3. Fir-rikors tal-appell taghhom ir-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni tal-ewwel Qorti u tilqa' t-talbiet taghhom bl-ispejjez

kontra l-intimati.

Is-Sentenza Appellata

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**Fil-kawza tal-lum, il-provi huma fis-sostanza kostitwiti minn dokumenti : senjatament : is-sentenza ta' din il-Qorti (fil-procediment ordinarju nru 542/2008 RCP) fil-kawza "Margaret Galea et vs l-Awtorita` tad-Djar et" deciza fit-30 ta' Ottubru 2012 (Dok A) ; in-notifika ta' de-rekwizizzjoni datata 12 ta' Marzu 2012 relattiva ghall-fond 18, Triq iz-Zekka l-Qadima, Valletta (Dok B) ; rapport tekniku *ex parte* datat 28 ta' Ottubru 2011 rilaxxjat mill-Perit Ruben Sciortino lir-rikorrent Charles Galea (Dok C) ; ir-relazzjoni tal-perit tekniku Alan Saliba ; ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali Periti Valerio Schembri, Godwin Abela u Mario Cassar ; u x-xiehda in eskussjoni tal-Perit Alan Saliba.**

"**1) Ir-relazzjoni tal-ewwel perit tekniku**

"Il-Qorti hatret lill-Perit Alan Saliba bhala perit tekniku bl-inkariku li jistabilixxi l-valur lokatizju fis-suq liberu tal-fond 18, Old Mill Street, Valletta bejn il-**21 ta' Frar 2008 u l-10 ta' Lulju 2013**.

"Fir-relazzjoni, il-perit tekniku stima l-valur tal-fond fl-istat li tinsab fih illum liberu u frank fl-ammont ta' €112,000.

"Il-perit tekniku stima wkoll il-valur lokatizju tal-fond bejn il-21 ta' Frar 2008 u l-10 ta' Lulju 2013 fl-ammont shih ta' **€18,297** (ara l-iskeda a fol 55 tal-process).

"**2) Ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali**

"Fir-relazzjoni taghhom, il-periti addizzjonali stmaw il-fond 18, Triq Zekka, Valletta, fl-istat li kien fl-4 ta' Marzu 2014 (data tal-access li ghamlu l-periti addizzjonali) liberu u frank fl-ammont ta' €350,000.

"In kwantu jirrigwarda l-valur lokatizju tal-fond bejn il-21 ta' Frar 2008 u l-10 ta' Lulju 2013, l-istima tal-periti addizzjonali kienet fl-ammont shih ta' **€55,251** (ara l-iskeda a fol 102 tal-process).

"**3) L-eskussjoni tal-ewwel perit tekniku**

"Waqt l-eskussjoni, il-**Perit Alan Saliba** xehed illi meta gie biex jistabilixxi l-valur tal-fond de quo, apparti l-istat attwali tal-post, huwa qies il-valur tieghu bhala residenza mhux bhala fond kummercjali ; ghaliex il-kriterju ta' valutazzjoni li adotta ma kienx l-uzu li seta' jsir mill-fond fil-futur inkluz ghall-finijiet kummercjali izda l-uzu li sar mill-fond sa dakinhar tal-istima li kien qieghed jaghmel.

"**4) Kostatazzjonijiet teknici**

"Fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawza "**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk :–

"*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu* ***jikkostitwixxu skont il-ligi prova ta' fatt*** *li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova ...* - (enfasi u sottolinear tal-qorti)

"In linea ta' principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta' perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha *(dictum expertorum numquam transit in rem judicata),* fl-istess waqt dak ma jfissirx illi qorti tista' taghmel dan b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni tal-aspett tekniku tal-materja taht ezami ("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).

"Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni tar-relazzjoni ma tkunx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 ; "**Tabone vs Tabone et**" – Qorti tal-Appell – 5 ta' Ottubru 2001 ; "**Calleja noe vs Mifsud**" (op. cit.) ; "**Attard vs Tedesco et**" - Qorti tal-Appell – 1 ta' Gunju 2007 u **"Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et"** (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta' Dicembru 2008).

"**III. L-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali**

"L-**Art 181B tal-Kap 12** jaqra hekk :-

………….. omissis…………

"Fil-kawza tal-lum, ir-rikorrenti mhux jattakkaw il-validita` ta' ligi.

Lanqas ma huma qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li ligi jew parti minnha qeghda tikser xi jedd fondamentali taghhom. It-talba ewlenija tar-rikorrenti hija dikjarazzjoni li l-kontinwata privazzjoni da parti taghhom tal-fond de quo tikkostitwixxi ksur ta' jedd fondamentali taghhom li huwa mhares bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni. Il-parametri tal-azzjoni gudizzjarja huma delineati mit-talbiet, ghax il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda, hekk kif din tkun giet proposta. Huwa ritenut li fl-ghoti tad-decizjoni, il-gudikant ghandu joqghod rigorosament fil-limiti tal-kontestazzjoni, in partikolari ta' dak mitlub mill-attur (ara : **PA/PS** – "**Stephen Sciberras vs Av. Francesco Depasquale et noe**" – 9 ta' Dicembru 2002).

"Din il-Qorti mhijiex tara l-htiega li l-Avukat Generali jkun prezenti bhala intimat fil-procediment tal-lum. Fil-fehma taghha, l-Avukat Generali kellu jigi notifikat biss bir-rikors promotur kif jipprovdi l-Art 181B(3) [*supra*].

"**Fic-cirkostanzi, il-Qorti ssib li hija fondata l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali u ghalhekk tghid illi l-Avukat Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi mhuwiex il-legittimu kontradittur tar-rikorrenti.**

"**IV. L-eccezzjonijiet l-ohra tal-Avukat Generali**

"**Ladarba kkonkludiet li l-Avukat Generali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, il-Qorti sejra tieqaf hawn safejn jirrigwarda l-Avukat Generali, u ghalhekk mhijiex sejra tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra tieghu.**

"**V. Il-mertu**

"Il-kontestazzjoni tal-intimata l-Awtorita` tad-Djar hija dwar il-mertu tat-talbiet tar-rikorrenti.

"It-talbiet li fadal x'jigu decizi huma l-ewwel u t-tielet talba:-

"L-ewwel talba taqra:

"*Tiddikjara li bil-kontinwata privazzjoni tar-rikorrenti mill-pussess tal-fond fuq imsemmi 18, Old Mint Street, Valletta, ghall-perjodu mill-20 ta' Frar 2008 sal-lum, l-ewwel taht it-titolu tar-rekwizizzjoni fuq imsemmija, in-non konsenja lura tal-fond wara t-tnehhija tal-ordni ta' rekwizizzjoni, u l-kontinwata detenzjoni tal-fond wara dakinhar sal-lum minn Teresa Briffa taht titolu naxxenti taht l-Att dwar id-Dekontroll, qeghdin jigu vjolati d-drittijiet fondamentali taghhom hekk kif protetti bl-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.*

"It-tielet talba taqra :

"*Tillikwida kull kumpens dovut lilhom b'rizultat tal-okkupazzjoni tal-fond fuq imsemmi u b'konsegwenza tal-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom hekk kif fuq spjegat u dan ghall-perjodu mill-20 ta' Frar 2008 sal-lum.*

"**Fl-ewwel talba, ir-rikorrenti qeghdin isostnu li garrbu privazzjoni kontinwata tal-fond de quo, li kienet lesiv ghall-jeddijiet fondamentali taghhom kif imharsa bl-Art 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni:-**

"**i)** **bhala konsegwenza tar-rekwizizzjoni; skont l-atti, il-fond kien rekwizizzjonat fit-8 ta' April 1974 u r-rekwizizzjoni tnehhiet fit-12 ta' Marzu 2012;**

"**ii)** **bhala konsegwenza tal-fatt illi wara li tnehhiet ir-rekwizizzjoni, baqghu ma nghatawx lura l-fond : skont l-atti, ir-rikorrenti hadu lura c-cwievet tal-fond de quo fl-10 ta' Lulju 2013;**

"**iii)** **bhala konsegwenza tal-fatt illi wara li ghalaq ic-cens fid-19 ta' Novembru 1979, l-intimata Teresa Briffa baqghet tiddetjeni l-fond a tenur tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta.**

"Jekk il-Qorti ssib li xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi ndikati fl-ewwel talba kkagunaw ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti skont l-Art 37 tal-Kostituzzjoni u skont l-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni, allura tghaddi sabiex tqis it-tielet talba. Jekk l-ewwel talba ma tkunx tirrizulta, allura ma jibqax skop ghall-konsiderazzjoni tat-tielet talba.

"**<u>Dwar ic-cirkostanza (i)</u>,** il-Qorti tirrileva:-

"a) Illi fit-28 ta' Mejju 2008, ir-rikorrenti pprezentaw rikors guramentat Nru 542/2008 quddiem din il-Qorti fejn *inter alia* ppremettew li l-fond de quo kien gie rekwizizzjonat fis-16 ta' April 1974 b'ordni ta' rekwizizzjoni numru 7330, illi matul is-snin kemm ilu okkupat bis-sahha tar-rekwizizzjoni baqghu ma thallsux kumpens, u li l-kumpens dovut kien jammonta ghal €16,217.09. It-talbiet kienu dawn:-

"*1. Tiddikjara l-intimati jew min minnhom responsabbli ghal hlas ta' kumpens ghal privazzjoni tal-pussess tal-fond 18, Old Mint Street, Valletta lir-rikorrenti.*

"*2. Tikkundana l-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu l-ammont ta' sittax-il elf mitejn u sbatax-il ewro u disgha centezmi (€16,217.09) ekwivalenti ghal sitt elef disa' mija tnejn u sittin lira Maltija jew ammont verjuri iehor bl-imghax skont il-ligi.*

"*3. Tiddikjara, jekk ikun il-kaz, l-intimati jew min minnhom responsabbli ghal hsarat fil-fond 18, Old Mint Street, Valletta ; u*

*tillikwida l-valur ta' dawn id-danni occorrendo bin-nomina ta' perit tekniku.*

"*4. Tikkundana l-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati.*

"b) Illi l-kawza kienet deciza fit-30 ta' Ottubru 2012. Minnha ma kienx hemm appell. Fis-sentenza, jinghad hekk :-

"*1. Tiddikjara l-intimati solidalment bejniethom responsabbli ghall-hlas ta' kumpens ghall-privazzjoni tal-pussess tal-fond 18, Old Mint Street, Valletta lir-rikorrenti.*

"*2. Tikkundana l-intimati solidalment bejniethom sabiex ihallsu l-ammont ta' sittax-il elf mitejn u sbatax-il ewro u disgha centezmi (€16,217.09) ekwivalenti ghal sitt elef disa' mija tnejn u sittin lira Maltija (Lm6,962) bl-imghax legali mid-data tal-20 ta' Novembru 2009 sal-effettiv pagament.*

"*3. Tiddikjara lill-intimati solidalment responsabbli ghal hsarat fil-fond 18, Old Mint Street, Valletta ; u tillikwida l-valur ta' dawn id-danni fl-ammont ta' seba' u sebghin elf, mija tlieta u tlettin ewro u sittin centezmu (€77,133.60).*

"*4. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom sabiex ihallsu d-danni hekk likwidati fl-ammont ta' seba' u sebghin elf, mija tlieta u tlettin ewro u sittin centezmu (€77,133.60) lill-atturi.*

"*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati solidalment bejniethom.*

"c) Illi r-rekwizizzjoni tnehhiet fit-12 ta' Marzu 2012 u allura qabel kienet deciza dik il-kawza ;

"**Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li fejn tirrigwarda c-cirkostanza (i) l-ewwel talba hija nsostenibbli ghaliex ghaz-zmien kollu li ghadda bejn id-data tal-hrug tal-ordni ta' rekwizizzjoni (16 ta' April 1974) u d-data tat-tnehhija taghha (12 ta' Marzu 2012) kif ukoll sat-30 ta' Ottubru 2012, kien hemm kundanna tal-intimati Awtorita` tad-Djar u Teresa Briffa li solidament bejniethom ihallsu lir-rikorrenti l-kumpens illi talbu, apparti d-danni ghal hsarat. Sabiex jirkupraw dak dovut lilhom, ir-rikorrenti kellhom il-posizzjoni taghhom ampjament tutelata bil-hrug ta' atti ezekuttivi skont id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kap 12. Ghal din il-Qorti, huwa inaccettabbli li r-rikorrenti jirrikorru ghal procediment eccezzjonali bhal ma huwa dak tal-lum biex jirkupraw il-hlas ta' kumpens meta dak il-kumpens kien determinat b'sentenza ta' qorti ordinarja li ghaddiet in gudikat u meta kellhom il-mezzi kollha kontemplati mil-ligi ordinarja sabiex jesegwixxu d-dritt ghall-hlas. Ghalhekk il-Qorti qeghda tirrespingi l-pretensjoni tar-rikorrenti skont ic-cirkostanza (i).**

"**<u>Dwar ic-cirkostanza (ii)</u>**, il-Qorti tirrileva hekk:-

"a) Illi fid-data tal-presentata tar-rikors tal-lum (21 ta' Marzu 2013) ir-rikorrenti ma kienux fil-pussess effettiv tal-fond de quo wara t-tnehhija tal-ordni ta' rekwizizzjoni ;

"b) Illi ma jirrizultax illi wara s-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2012, ir-rikorrenti pprezentawx atti quddiem il-qrati ordinarji sabiex jiehdu l-pussess effettiv tal-fond de quo;

"c) Illi dan tal-lum kien <u>l-uniku</u> proceddiment intavolat mir-rikorrenti sabiex jiehdu lura l-pussess effettiv tal-fond de quo bejn it-30 ta' Ottubru 2012 u l-21 ta' Marzu 2013;

"d) Illi a tergo ta' fol 39 jirrizulta li l-intimata Teresa Briffa kienet notifikata bir-rikors promotur fil-21 ta' Gunju 2013;

"e) Illi skont il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' Lulju 2013, jirrizulta li r-rikorrenti nghataw ic-cwievet tal-fond de quo fl-10 ta' Lulju 2013.

"**Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li lanqas ic-cirkostanza (ii) ma hija sostenibbli ghaliex ir-rikorrenti ma kellhomx jirrikorru ghar-rimedju kostituzzjonali, li l-Qorti terga' tirriafferma li huma rimedju eccezzjonali, meta kellhom ghad-disposizzjoni taghhom rimedji tant basilari u effettivi skont il-ligi ordinarja. Inoltre ma hemmx il-prova sal-grad rikjest mil-ligi illi bic-cirkostanza (ii) kien hemm lezjoni tal-jeddijiet fondamentali citati mir-rikorrenti fl-ewwel talba.**

"**<u>Dwar ic-cirkostanza (iii)</u>,** il-Qorti tirrileva:-

"a) Illi fl-1982 l-awtur tar-rikorrenti, Nazzareno Galea, ipprezenta citazzjoni bin-Nru 342/1982 kontra Giuseppe Briffa, ir-ragel tal-intimata Teresa Briffa, quddiem din il-Qorti fejn talab l-izgumbrament tieghu, wara li Briffa baqa' jiddetjeni l-fond 18, Old Mint Street, Valletta, anke wara li ghalaq ic-cens temporanju tal-fond fid-19 ta' Dicembru 1979;

"b) Illi fis-26 ta' Mejju 1987, din il-Qorti tat sentenza fejn cahdet it-talba attrici;

"c) Illi fit-3 ta' Gunju 1987, l-attur appella;

"d) Illi fil-kors tal-appell, u cioe' fil-15 ta' Novembru 1989, il-Qorti tal-Appell ghamlet referenza lil din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha Nru 303/1990 sabiex tistabilixxi jekk l-Att XXIII tal-1979 kienx null u jmur kontra l-Kostituzzjoni;

“e) Illi b’sentenza tat-28 ta’ Ottubru 1994, din il-Qorti ddikjarat li ma kienx hemm lezjoni tal-jeddijiet tal-attur kif protetti bl-Art 37 u bl-Art 47(9) tal-Kostituzzjoni. U marret oltre ghax lanqas ma sabet vjolazzjoni tal-Konvenzjoni. Infatti fil-motivazzjoni, il-Qorti ghamlet ampja riferenza ghall-posizzjoni legali u gurisprudenzjali tal-ECHR;

f) Illi l-atturi appellaw u b’sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta’ Novembru 2001, l-appell kien michud u s-sentenza tat-28 ta’ Ottubru 1994 kienet konfermata;

“g) Illi fis-16 ta’ April 2004, il-Qorti tat is-sentenza taghha fil-kawza 342/1982 billi cahdet l-appell tal-atturi u kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-26 ta’ Mejju 1987;

“**Hija l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti li l-ksur allegat mir-rikorrenti tal-Art 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni fil-kuntest tac-cirkostanza (iii) diga` kien trattat *in extenso* u b’mod shih minn dawn il-Qrati, qeghda ghalhekk tirrafferma dak li diga` kien deciz u kwindi qeghda tirrespingi l-pretensjoni tar-rikorrenti skont ic-cirkostanza (iii).**

“Respinta l-ewwel talba fl-intier taghha, ma hemmx lok li tghaddi ghall-konsiderazzjoni tat-tielet talba.

“Finalment il-Qorti tirrileva fit-3 ta’ Settembru 2014 ir-rikorrenti pprezentaw kontijiet tad-dawl u ilma tal-fond de quo ghaz-zmien meta l-fond ma kienx fil-pussess effettiv taghhom u li kienu kostretti jhallsu sabiex ma jinqatax is-servizz. Ghalkemm b’digriet taghha tad-19 ta’ Frar 2015, din il-Qorti ammettiet id-dokumenti bhala prova, fl-istess waqt qeghda tirrespingi l-fondatezza taghhom, fil-kuntest tal-assjem tat-talbiet tar-rikorrenti fl-istanza tal-lum, ghaliex il-prova li qeghdin iressqu r-rikorrenti ma tinkwadrax ruhha fit-talbiet li ressqu. Naturalment jibqa’ mpregudikat id-dritt tar-rikorrenti li jekk jidhrilhom imorru quddiem il-Qrati ordinarji sabiex jirkupraw l-esbors illi ghamlu.”

## L-Appell

5. Ir-rikorrenti jibbazaw l-appell taghhom fuq is-segwenti aggravji: (1) l-ewwel Qorti “iffraintendiet il-perjodu ghal liema r-reklam tar-rikorrenti kien jinferixxi” u waslet ghall-konkluzjoni erroneja li kien hemm gudikat, meta fil-fatt dan ma kienx minnu ghax il-kwistjoni tirrigwarda perjodu

differenti li ghalih ma kienx hemm gudikat; (2) li kellu jigi likwidat favur taghhom kumpens kongruwu ghall-privazzjoni mill-pussess tal-propjeta` taghhom tul il-perjodu in kwistjoni, kif ukoll ghall-kontijiet tal-elettriku u ilma li kellhom ihallsu r-rikorrenti sabiex ma jinaghtalhomx is-servizz; (3) li l-ewwel Qorti malament ikkonkludiet li r-rikorrenti ma kienu hadu ebda procedura ghall-izgumbrament tal-intimati; (4) illi l-Avukat General m'huwiex kontradittur legittimu.

6. L-intimati Avukat Generali u Awtorita` tad-Djar b'risposti pprezentati fl-14 ta' Mejju 2014 it-tnejn qed jitolbu li, ghar-ragunijiet hemm indikati, din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

7. L-<u>Avukat Generali</u> ssottometta fost affarijiet ohra illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet preciza hafna dwar il-perjodu li ghalih ir-rikorrenti kienu qed jirreferu fit-talbiet taghhom u jsostni li ma hemm ebda ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti. Inoltre, ir-rikorrenti ghandhom ghad-dispozizzjoni taghhom proceduri quddiem il-qrati ordinarji sabiex jirkupraw kwalsiasi kera lilhom dovuta.

8. Dwar il-proceduri ta' zgumbrament li r-rikorrenti jsemmu fl-appell, dan l-intimat jghid li ma jistghux jibbazaw aggravju shih fuq dan il-punt galadarba ir-rikorrenti ma gabux l-icken prova dwarhom quddiem l-ewwel Qorti.

9. In kwantu ghall-eccezzjoni li huwa ma huwiex il-legittimu kuntradittur dan l-intimat jikkwota gurisprudenza in materia u jkompli jtenni li d-decizjoni appellata kienet ukoll korretta fejn gie deciz illi l-hu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju minhabba nuqqas ta' legittimazzjoni passiva.

10. Fir-risposta taghha l-Awtorita` intimata wiegbet, fost affarijiet ohra, illi wara it-12 ta' Marzu 2012, li hija d-data meta tnehhiet l-ordni ta' rekwizizzjoni, ma seta' kien hemm ebda ksur ulterjuri ta' xi dritt ta' proprjeta` da parti taghha, peress li l-fond ma kienx baqa' fil-pussess taghha.

11. Tghid li hu pacifiku li r-rikorrenti gew moghtija somma li ghall-anqas sal-20 ta' Frar 2008 tkopri l-kumpens dovut lilhom sa dakinhar u f'din il-kawza r-rikorrenti qed ifittxu kumpens minn din id-data prezumibilment sad-data meta hareg l-ordni ta' derekwizizzjoni fit-12 ta' Marzu 2012.

12. Tghid li fl-appell taghhom, ir-rikorrenti bilkemm isemmu l-fatt illi huma hadu lura il-pussess battal tal-fond fl-10 ta' Lulju 2013 u li minn dik id-data, il-fond kien gie ghal kull buon fini effettivament lura f'idejhom biex b'hekk, l-iskop ta' kull allegata lanjanza li seta' kellhom ir-rikorrenti

gie fit-tmiem assolut tieghu.

13. Dwar il-pretensjonijiet tal-rikorrenti ghall-hlas ta' kontijiet tad-dawl u tal-ilma, tghid li l-Awtorita` intimata hija totalment estranea ghall-ikkuntrattar, uzu u konsum ahhari ta' dawn is-servizzi u ghalhekk ghal din l-intimata dawn il-kontijiet huma *res inter alios acta*.

14. L-ewwel Qorti ghandha ragun ukoll fuq il-fatt illi l-allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fundamentali kien diga` gie deciz minn din il-Qorti b'sentenza datata 28 ta' Ottubru 1994 kif konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru 2001.

15. Tghid ukoll li l-ewwel Qorti gustament irriteniet illi l-atturi ma kellhomx jadixxu lil din il-Qorti specjali ghall-kaz li hu prettament wiehed ta' danni. Fil-fatt dak li gia` rebhu u hadu l-atturi kienu danni ghall-okkupazzjoni tal-fond taghhom moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-funzjoni ordinarja taghha u mhux fil- gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha.

16. L-intimata Theresa Briffa ma wegbitx ghall-appell tar-rikorrenti.

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

17. Din il-Qorti sejra tibda b'sunt tas-sekwenza tal-fatti rilevanti ghal dan l-appell.

18. Fis-16 ta' April 1974 l-fond 18, Old Mint Street, Valletta proprjeta` tar-rikorrenti kien gie rekwizizzjonat u moghti mill-Awtorita` tad-Djar lil Joseph Briffa l-awtur fid-dritt tal-intimata Tereza Briffa.

19. Fid-19 ta' Dicembru 1979 skada c-cens temporaneju u, peress li Joseph Briffa baqa' jokkupa l-fond, l-awtur fid-dirtt tar-rikorrenti [allura l-attur] beda proceduri [Citazzjoni 342/1982] kontra Briffa [allura konvenut] peress li dan kien baqa' jokkupa l-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi. F'dawk il-proceduri l-attur talab li l-konvenut jigi ikkundannat jizgombra mill-fond. It-talba attrici giet michuda sia mill-ewwel Qorti kif ukoll mill-Qorti tal-Appell li iddecidiet il-kawza b'mod definittiv b'sentenza moghtija fis-16 ta' April 2004.

20. Fil-kors tal-appell fil-kawza fuq indikata kienet saret referenza kostituzzjonali u b'sentenza moghtija fit-28 ta' Ottubru 1994, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) iddecidiet li ma kienx hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, kif salvagwardati fl-Artikoli 37 u 47(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-attur kien appella izda l-appel tieghu kien gie michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

21. Illi b'rikors guramentat [542/08 RCP] ipprezentat fit-28 ta' Mejju 2008 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ir-rikorrenti talbu kumpens

ghall-okkupazzjoni tal-fond sad-data tal-prezentata tar-rikors guramentat. B'sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2012 dik il-Qorti akkordat lir-rikorrenti kumpens ta' €16,217.09 ghall-okkupazzjoni tal-istess fond sad-data tal-prezentata tar-rikors guramentat, kif ukoll €77,133.60 in linea ta' danni ikkawzati fl-istess fond.

22. Fil-frattemp, fit-12 ta' Marzu 2012 kienet harget l-ordni ta' derekwizizzjoni tal-fond in kwistjoni izda l-intimata kienet baqghet tokkupa l-fond bis-sahha tal-Artikolu 12A tal-Kap.158 u ghalhekk fil-21 ta' Marzu 2013 ir-rikorrenti istitwiet il-proceduri odjerni.

23. F'dawn il-proceduri r-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tiddikjara li - bil-kontinwata privazzjoni tar-rikorrenti mill-pussess tal-fond taghhom ghall-perjodu mill-20 ta' Frar 2008 sad-data tal-prezentata tar-rikors guramentat, l-ewwel minhabba l-ordni tar-rekwizizzjoni u sussegwentement, wara t-tnehhija tal-ordni ta' rekwizizzjoni, bil-kontinwata detenzjoni tal-fond mill-intimata Teresa Briffa taht titolu naxxenti taht l-Att dwar id-Dekontroll – kienu qed jigu vjolati d-drittijiet fondamentali taghhom hekk kif protetti bl-ewwel Artiklu tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

24. Fit-21 ta' Marzu 2013, ir-rikorrenti istitwew proceduri ghal zgumbrament quddiem il-Bord li jirregola l-kera, izda fl-10 ta' Lulju 2013,

l-intimata Briffa rritornat ic-cwievet tal-fond in kwistjoni lir-rikorrenti.

L-Aggravji

25. Il-Qorti ser tibda billi tikkonsidra r-raba' aggravju li jirrigwarda punt preliminari u procedurali.

*Ir-raba' aggravju*

26. Dan hu fis-sens li fil-kawza odjerna l-Avukat Generali ghandu legittimazzjoni passiva tenut kont tal-fatt li, wara l-hrug tal-ordni ta' direkiwizizzjoni il-konjugi Briffa xorta baqghu fil-pussess tal-fond u dan setghu ghamluh bis-sahha tal-Artikolu 12A tal-Kap.158. Ghalhekk, ghalkemm qabel il-hrug tal-imsemmija ordni l-Istat kien rapprezentat skont il-ligi mill-Awtorita` tad-Djar, wara l-hrug tal-ordni fit-12 ta' Marzu 2012, il-privazzjoni mit-tgawdija tal-pussess pacifiku tar-rikorrenti tal-fond taghhom ma kienx aktar rizultat ta' xi ghemil da parti ta' din l-intimata, izda kienet rizultat ta' applikazzjoni tal-ligi fuq indikata.

27. Din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-aggravju huwa misthoqq ghax, ghall-perjodu ta' wara l-hrug tal-ordni tad-direkwizizzjoni l-konjugi Briffa kienu baqghu jokkupaw il-fond unikament bis-sahha tal-ligi u bl-applikazzjoni tal-istess. Huwa f'dan ir-rigward li l-aggravju huwa

misthoqq, ghax ladarba qed jigi pretiz li l-applikazzjoni tal-ligi qed tivvjola d-dritt fundamentali tar-rikorrenti allura l-legittimu kuntradittur huwa l-Istat rapprezentat mill-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

28. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh.

*L-ewwel u t-tielet aggravju*

29. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti erronejament naqset milli tiehu debita konjizzjoni tal-fatt li l-proceduri odjerni jirrigwardjaw il-perjodu li jestendi mit-28 ta' Mejju 2008, id-data tal-prezentata tar-rikors guramentat numru 542/08 [RCP], 'il quddiem sal-10 ta' Lulju 2013 li hi d-data li fiha l-intimata Briffa kienet eventwalment irritornat ic-cwievet tal-fond lir-rikorrenti. Fid-dawl ta' dan in-nuqqas da parti tal-ewwel Qorti dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni erroneja li ghall-pretensjoni tar-rikorrenti kien josta l-gudikat, mentri fil-fatt "il-pretensjonijiet tar-rikorrenti kienu cirkoskritti u limitati ghall-perjodu mill-2008 sal-effettiv ritorn tal-fond lilhom fl-2013" u li d-detenzjoni tal-fond matul dan il-perjodu kienet leziva ghad-dritt taghhom skont l-artikoli indikati fl-ewwel talba taghhom.

30. Dan l-aggravju huwa gustifikat biss limitatament ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti osservat illi '*ghaz-zmien kollu li*

*ghadda bejn id-data tal-hrug tal-ordni ta' rekwizizzjoni (16 ta' April 1974) u d-data tat-tnehhija taghha (12 ta' Marzu 2012) kif ukoll sat-30 ta' Ottubru 2012, kien hemm kundanna tal-intimati Awtorita` tad-Djar u Teresa Briffa li solidament bejniethom ihallsu lir-rikorrenti l-kumpens illi talbu, apparti d-danni ghal hsarat'.* L-ewwel Qorti kompliet billi sostniet li allura sabiex jirkupraw dak dovut lilhom, ir-rikorrenti kellhom a dispozizzjoni l-hrug ta' atti ezekuttivi sabiex jezegwixxu d-dritt ghall-hlas.

31. Dan ma jirrizultax minnu, in kwantu, ghall-perjodu li jikkoncerna dik il-kawza, ossia mit-28 ta' Mejju 2008 (meta kien gie ipprezentat ir-rikors guramentat 548/08RCP) sat-30 ta' Ottubru 2012 id-data ta' meta l-pussess rega' gie ghand ir-rikorrenti, ma hemm ebda gudikat, u kwindi ma setghux jinhargu l-atti ezekuttivi kif sostnut mill-ewwel Qorti. Dan ghaliex id-decizjoni moghtija f'dik il-kawza fit-30 ta' Ottubru 2012 kienet tkopri biss il-kors taz-zmien mid-data tar-rekwizizzjoni sa meta nfethet dik il-kawza fl-2008.[1]

32. Dan pero` ma jwassalx ghall-konkluzjoni li l-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti hija zbaljata meta osservat li *"ghal din il-Qorti huwa inaccettabbli li r-rikorrenti jirrikorru ghal procediment eccezzjonali bhal ma huwa dak tal-lum biex jirkupraw il-hlas ta kumpens".* Dan jghodd

---

1 Vide Pg 8 tas-sentenza in kwistjoni 542/08RCP - '*...l-atturi qed jitolbu li fl-ewwel lok jithallsu mill-intimati kumpens ghall-okkupazzjoni tal-istess fond* <u>*fl-ammont ta' €16,217.09 sad-data tal-prezentata tar-rikors guramentat*</u> *u dan ibbazata fuq l-ammont ta' kera ghall-istess fond stabbilita mill-ligi.'*

anki fic-cirkostanzi prezenti u ghall-perjodu mertu tal-kawza odjerna, ghax ghalkemm huwa minnu li r-rikorrenti ma kellhomx a dispozizzjoni taghhom mandati ezekuttivi x'johorgu ghall-perjodu in kwistjoni, xorta wahda kellhom rimedju xieraq taht il-ligi ordinarja, liema rimedju huma kienu diga` ghamlu uzu minnu b'success quddiem il-qrati ordinarji [Kawza 548/08RCP], sabiex jottjenu kumpens ghall-okkupazzjoni da parti tal-intimata Tereza Briffa ghall-perjodu ta' qabel it-28 ta' Mejju 2008. Di fatti dik il-Qorti kienet laqghet it-talbiet tal-atturi billi ddikjarat lill-intimati [Awtorita` tad-Djar u Tereza armla Briffa] solidament bejniethom responsabbli ghall-hlas "tal-kumpens ghall-privazzjoni tal-fond" tar-rikorrenti, u ordnatilhom li jhallsu l-ammont ta' €16,217 bhala kumpens ghal tali privazzjoni, u l-ammont ta' €77,133.60 ghall-hsarat li kien hemm fil-post.

33. Fil-kaz odjern, ma jirrizulta ebda impediment legali li kien josta' lir-rikorrenti milli jergghu juzaw ir-rimedju ordinarju ghall-perjodu li ghalih tirriferi l-kawza odjerna. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti ghall-pretensjoni taghhom ghall-kumpens tal-privazzjoni mit-tgawdija pacifika tal-fond taghhom ir-rikorrenti kellhom ghad-dispozizzjoni taghhom "rimedji ordinarji tant bazilari u effettivi skont il-ligi ordinarja". Dan ir-rimedju kien "available in theory and in practice at the relevant time"[2].

[2]ECHR **Cyprus v. Turkey** 2001 citata b'approvazzjoni fil-kawza D.Kos. **Carmel Cachia et v. Policy Manager**, deciza 11 April 2011; ara wkoll,

34. Ladarba r-rikorrenti kellhom rimedju xieraq ghall-ilment taghhom dwar l-ghoti tal-kumpens, l-ewwel Qorti setghet tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha, izda minflok ghamlet hekk hija ghaddiet billi iddecidiet il-meritu tal-kawza bir-rizultat li cahdet l-ewwel u t-tielet talbiet.

35. Rigward t-tielet aggravju jigi osservat li dan hu fis-sens li m'huwiex minnu li r-rikorrenti ma kienux hadu ebda proceduri ghall-izgumbrament tal-intimati. Ghalkemm ma prezentaw ebda prova fir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu li fil-21 ta' Marzu 2003 huma kienu ressqu proceduri quddiem il-Bord tal-Kera ghar-ripreza tal-fond izda dawn gew irtirati meta l-intimata Briffa rritornat ic-cwievet tal-fond. Din il-Qorti tosserva li, ladarba l-ewwel Qorti ghaddiet biex tinvesti l-meritu, ir-relevanza tal-fatti lil fuqu huwa bazat dan l-aggravju m' ghadux aktar relevanti u ghalhekk mhux il-kaz li din il-Qorti tiehu konjizzjoni aktar tieghu.

36. Ghaldaqstant l-ewwel aggravju huwa fondat u qed jigu milqugh fil-limiti tal-konsiderazzjonijet premessi fis-sens li ghall-perjodu propost mir-rikorrenti li jestendi mit-28 ta' Mejju 2008 sal-10 ta' Lulju 2013 ma kien hemm ebda gudikat li josta ghat-talbiet tar-rikorrenti.

37. Inoltre, ladarba l-ewwel Qorti iddecidiet il-meritu din il-Qorti ser

tkompli tinvesti l-aggravji l-ohra li jirrigwardjaw il-meritu tal-kawza.

*It-tieni aggravju*

38. Dan huwa fis-sens li ghall-perjodu fuq indikat, jigifieri mit-28 ta' Mejju 2008 sal-10 ta' Lulju 2013 [il-perjodu relevanti], ir-rikorrenti kienu gew privati "mill-pussess tal-proprjeta` taghhom" u dan in vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghhom ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta`. Ghal din ir-raguni ghandhom jinghataw kumpens bhala rimedju, li ghandu jinkludi l-*quantum* tal-kontijiet tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma li huma kellhom ihallsu biex ma jinqatalhomx is-servizz.

39. Rigward l-ewwel parti tal-aggravju li tirrigawardja l-pretensjoni tal-lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti matul il-perjodu relevanti, din il-Qorti tosserva li din il-vertenza ghandha tigi ezaminata fil-kuntest ta' zewg stadji differenti tal-istess perjodu, jigifieri mit-28 ta' Mejju 2008 sat-12 ta' Marzu 2012 [meta harget l-ordni ta' derekwizizzjoni] u l-perjodu bejn it-13 ta' Marzu 2012 sal-21 ta' Marzu 2013 [meta gie prezentat ir-rikors promotur tal-gudizzju odjern]. Ghall-ewwel perjodu ghandha tirrispondi l-Awtorita` tad-Djar stante li l-fond kien ghadu fil-pussess taghha, filwaqt li ghat-tieni perjodu ghandu jirrispondi l-Avukat Generali stante li ghar-ripreza tal-fond f'dan l-istadju kienet tosta l-applikazzjoni tal-Kap.158. Dan qieghed jinghad unikament ghall-finijiet ta'

ratizzazzjoni fir-relazzjonijiet interni bejn l-Awtorita` tad-Djar u l-Avukat Generali billi fl-ahhar mill-ahhar it-tnejn jirrapprezentaw l-awtorita` pubblika.

40. Il-pretensjoni tar-rikorrenti f'dan ir-rigward necessarjament tinvolvi ezami tal-fatti tal-kaz fil-kuntest tal-principju tal-proporzjonalita` u l-bilanc gust li ghandu jinzamm bejn l-interessi tas-socjeta' in generali li tigi provduta akkomodazzjoni socjali u l-protezzjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti bhala sidien li l-fond taghhom kien soggett ghall-interferenza da parti tal-Istat. Fattur relevanti fir-rigward huwa l-element ta' proporzjonalita` bejn il-*quantum* tal-kera li s-sidien kienu kostretti li jircevu rizultat tal-ordni tar-rekwizzjoni u l-valur lokatizzju tal-fond fuq is-suq hieles, mehud kont l-ghan socjali wara l-mizura addottata mill-Istat li jirrendi gustifikat ammont tal-kera li jkun anqas mill-valur lokatizju tal-fond fuq is-suq hieles.

41. Huwa opportun li jigi rilevat f'dan l-istadju li fil-kawza li kienet saret quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili [sede kostituzzjonali] fuq referenza maghmula lilha mill-Qorti tal-Appell fil-kawza numru 303/90 fl-ismijiet **Nazzareno Galea v. Giuseppe Briffa et**, deciza finalment minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru 2001 u li kienet tirrigwarda l-istess fond, din il-Qorti llimitat il-konsiderazzjonijiet taghha ghat-termini tar-referenza li kienet tirrikjedi risposta biss dwar il-punt jekk l-emendi introdotti bl-Att

XXIII/1979 kienux jilledu d-drittijiet imharsa bl-Artikoli 37 u 47[9] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u, peress li fir-referenza ma kienx sar accenn ghall-artikoli protokollari, il-Qorti Kostituzzjonali skartat is-sottomissjonijiet maghmula in bazi ghal dawn l-artikoli.

42. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet skorretta meta osservat li l-ksur allegat mir-rikorrenti tal-Art.37 tal-Kostituzzjoni u tal-Art.1 Prot.1 tal-Konvenzjoni "diga` kien trattat in extenso u b'mod shih minn dawn il-qrati". Dak li gie finalment deciz minn din il-Qorti fis-sentenza fuq riferita kien li ma hemmx vjolazzjoni tal-artikoli kostituzzjonali u l-Qorti skartat espressament bhala 'extra petita' il-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti f'dik il-kawza u li kienu jirrigwardjaw l-artikoli protokollari. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi ma jistax validament jinghad li l-kwistjoni dwar il-konformita` o meno tal-agir tal-konvenuti mal-Art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni kienet giet defenittivament deciza.

43. Ferm il-premess, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina dak mitlub mir-rikorrenti u cioe` dikjarazzjoni gudizzjarja li bil-kontinwata privazzjoni tar-rikorrenti mill-pussess tal-fond de quo ghall-perjodu li jestendi "mill-20 ta' Frar 2008 sallum" [21 ta' Marzu 2013, id-data tal-prezentata tar-rikors odjern] kienitx leziva tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti sancit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

44. Mill-provi dokumentali jirrizulta li tul iz-zmien li r-rikorrenti kienu gew privati mill-pussess tal-fond taghhom huma ma kienu ircevew ebda korrispettiv sakemm in forza ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2012[3] dik il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti ghall-kumpens "ghal privazzjoni tal-pussess tal-fond" billi ghall-perjodu li jestendi mis-16 ta' April 1974 sad-data tal-prezentata tar-rikors guramentet fit-28 ta' Mejju 2008, jigifieri 34 sena, akkordat il-kumpens mitlub mir-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' €16,217.09 li jfisser medja ta' circa €477 fis-sena bhala korrispettiv. Il-kumpens li huma issa qed jitolbu fil-kawza odjerna huwa ghall-perjodu ta' wara t-28 ta' Mejju 2008 sal-gurnata tal-prezentata tar-rikors u fil-mori tal-proceduri estendew it-talba taghhom sal-10 ta' Lulju 2013 meta l-fond gie ritornat lilhom.

45. Dan iwassal sabiex fuq medja ta' 5 snin il-kera annwali mehuda bir-rata ta' €477 kienet tammonta komplessivament ghas-somma ta' €2,385. Il-periti addizzjonali ikkomputaw il-valur lokatizju tal-fond fuq is-suq hieles u fl-istat li kien meta rawh waqt l-access fl-ammont komplessiv ta' €55,251 ghall-perjodu li jestendi mis-sena 2008 sas-sena 2013.

46. Din il-Qorti tosserva li l-fatt li ghal perjodu irragonevolment twil ir-rikorrenti ma rcevew ebda kumpens filwaqt li kienu privati mill-pussess

[3] Kawza nru.542/2008 [RCP] supra

ta' possediment taghhom jikkostitwixxi vjolazzjoni manifesta tad-dritt fundamentali taghhom sancit bl-artikolu konvenzjonali fuq citat u ghal din il-lezjoni ghandhom jigu kumpensati adegwatament f'ammont li ghalkemm, ghandu jissupera s-somma ta' €2,385 sabiex jirrifletti wkoll il-lezjoni sofferta minnhom, madankollu ma ghandux necessarjament jikkorrispondi mal-ammont komputat mill-periti addizzjonali tenut kont tal-ghan socjali li kien hemm wara l-privazzjoni tal-possediment taghhom, inizjalment bl-ordni tar-rekwizizzjoni u sussegwentement bl-applikazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Kap.158.

47. Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont gust tal-kumpens dovut lir-rikorrenti ghall-perjodu fuq indikat li jirrifletti kemm dak li dawn materjalment tilfu bhala korrispettiv, kif ukoll li jirrifletti kumpens ghall-lezjoni subita, jkun ta' €3,500. Dan l-ammont huwa dovut mill-intimati kollha solidalment bejniethom lir-rikorrenti.

48. Dwar it-tieni parti tal-aggravju, dan jirrigwardja l-pretensjoni tar-rikorrenti tas-somma li thallset minnhom lill-Arms Ltd rapprezentanti kontijiet li jirreferu ghall-fond de quo u li r-rikorrenti qalu li kellhom ihallsu sabiex ma jinqatax is-servizz. B'nota prezentata minnhom dawn esebew ricevuta datata 14 ta' Awissu 2014 li turi li Charles Galea hallas lill-Arms Ltd. l-ammont ta' €827.57. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm ir-rikorrenti prezentaw *breakdown* tal-ammont dovut, mahrug mill-Arms

Ltd, dan il-prospett[4] juri l-ammonti dovuti jirreferu ghall-perjodu li jestendi mit-18 ta' April 2014 sal-4 ta' Frar 2014. Ghalhekk dawn il-bilanci jirreferu ghall-kontijiet mahruga wara li l-intimata Briffa kienet irritornat ic-cwievet fl-10 ta' Lulju 2013 u l-fond kien f'idejn ir-rikorrenti. Ghaldaqstant din il-parti tal-aggravju hija manifestament infondata.

49. Ghar-ragunijiet premessi dan it-tieni aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh limitatament ghall-ewwel parti tieghu.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tilqa' l-appell limitatament kif ser jinghad billi: tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali u illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju, u, minflok tiddeciedi billi tichad dik l-eccezzjoni u tiddikjara li l-Avukat Generali ghandu *locus standi* f'dawn il-proceduri; tirrevoka l-kumplament tas-sentenza u, minflok, tilqa' l-ewwel u t-tielet talbiet tar-rikorrenti u, filwaqt li tiddikjara li dawn sofrew vjolazzjoni tad-dritt fundamentali taghhom sancit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-konvenzjoni, tillikwida l-kumpens materjali u non-pekunjarju dovut lilhom mill-intimati fl-ammont komplessiv ta' tlett elef u hames mitt euro (€3,500) u tordna li l-intimati solidament bejniethom ihallsu lir-rikorrenti

[4] Fol.132

dan l-ammont.

L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta’ dan l-appell ikunu a kariku tal-intimati l-Awtorita` tad-Djar u l-Avukat Generali in solidum bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df